# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


---

Minuti tas-seduta numru tnejn u ħamsin (52) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-25 ta' Marzu, 2010, fis-6:15pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-**Sindku ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-**minuti tas-seduta** preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**<u>Punti mill-minuti</u>**

3. Eddie Bonello ikkonferma li t-tazzi tal-kompetizzjoni ta' l-inbid, kif ukoll it-tifkira lil kumitat tal-Premju Onoreficenza u dawk ta' l-Għaqda tal-Poeżiji Maltin lesti. Kull ma jonqos huwa li jinkiteb isem ir-rebbieħ tal-Premju Onoreficenza.

**<u>Korrispondenza</u>**

4. Rigward ix-Xelter tal-Pjazza, il-Kunsill iddeċieda li d-devoluzzjoni tkun waħda bi proċedura normali. B'hekk il-Kunsill ikollu kemm l-amministrazzjoni kif ukoll l-immaniġġjar tax-Xelter.

5. Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kulleġġ San Benedittu għal donazzjoni ta' Ktieb fil-librerija tagħhom. Eddie Bonello u Francis Callus issuġġerixxew u l-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jixtri l-Ktieb ta' Ħal Safi bħala donazzjoni għal din l-iskola.

6. Il-Kunsill irċieva kopja t'applikazzjoni tal-MEPA fejn l-Malta Tourism Authority applikat sabiex tirranġa Misraħ il-Ħlantun.

7. Is-SE qara l-email mibgħuta mid-Dipartiment fejn il-Kunsill intalab post t'uffiċċju fil-bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Is-Sindku ikkonferma li wara r-risposta tal-Kunsill ġew rappreżentanti tad-Dipartiment jaraw il-post.

**Aġġudikazzjoni ta' Tender**

8. Il-Kunsilliera ħarġu mill-kamra tas-seduti sabiex jaraw is-*samples* mibgħuta minn J&K kif ukoll Polidano Brothers. Is-sample tal-maduma ta' J&K tidher li hi rqiqa wisq u allura tidher li mhix konformi ma' l-ispeċifikazzjoni ta' tender. Dak il-ħin is-Sindku ċempel lil Perit Musumeċi u talbu jipprepara r-rapport tiegħu sabiex il-kunsill jkun jista' jagħmel l-għażla tiegħu.

**Għażla ta' l-iskart**

9. Francis Callus u Jerome Busuttil ltaqgħu ma' rappreżentant tal-Green Pack. Dan reġa' spjega l-offerta tal-kumpanija tagħhom għal ġbir ta' l-iskart separat fir-raħal. Francis Callus talab lil din il-kumpanija biex mal-proposta tagħha tikkonsidra l-inklużjoni ta' żewġ *bring-in site on wheels.*

10. Il-proposti tal-Green MT u Green Pack ġew diskussi u l-Kunsilliera qablu li jiġu ikkjarifikati xi punti mal-Green Pack. Wara dan, il-Kunsill jkun f'pożizzjoni jieħu d-deċiżjoni finali għall-għotja ta' dan it-tender.

**Jum Ħal Safi**

11. Il-Kunsilliera ddeċidew li jistiednu lil-Kappillan f'isem il-Kunsill Parrokkjali u l-fergħat tiegħu għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

12. Is-SE qara l-minuti u ressaq il-proposti ppreżentati mill-Board tal-Premju Onoreficenza. Il-Kunsilliera tennew li l-Board jiġi maħtur sabiex jagħmel l-evalwazzjoni tan-nominizzjonijiet biss. L-andament ta' Jum Ħal Safi, inkluża s-serata tal-Premju Onoreficenza huma prerogattiva tal-Kunsill. Preżentement, il-Kunsilliera ma jħossux li għandu jkun hemm tibdil fir-regoli, anki minħabba l-fatt li issa ż-żmien daħal.

13. Il-Kunsill iddiskuta l-programm ta' Jum Ħal Safi. Rigward ir-riċeviment ta' nhar il-Ħadd 11 ta' April, l-iskrivana intalbet iġġib stima mingħand James Caterers hekk kif sar is-sena l-oħra. L-istima għandha tkun għal 150 persuna.

14. Rigward is-serata tal-Premju Onoreficenza il-Kunsill iddiskuta l-ħatra tal-preżentatur u talab lis-SE jikkonsidra dan l-inkarigu.

**Ħwejjeg Oħra**

15. Eddie Bonello qassam lil-Kunsilliera kopja tal-kliem kif ġie editjat flimkien ma Publius Abdilla u Pawlu Callus li ser jinkitbu fuq il-boards infomattivi li ser jiġu imqgħeda f'postijiet storiċi f'Ħal Safi.

16. Is-Sindku tkellem fuq il-laqgħa li l-Kunsill kellu aktar kmieni llum ma' l-Hon. Dr Chris Said rigward Triq il-Kuċċard. Il-Kunsilliera mxew tul din it-triq ma' Dr. Said u ġiet indikata l-art li għandha tiġi esproprijata sabiex din it-triq titwessa'. L-

Hon. Dr Said wiegħed li ser jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex din it-triq titwessa' minn l-aktar fis possibbli.

17. Publius Abdilla semma' l-ħarġa kulturali organizzata mill-Kunsill. Għal din l-attivita' attendew 27 residenti. Huma marru jżuru Villa Francia kif ukoll il-Ġonna ta' Sant'Anton. Wara marru l-Melita Gardens jieħdu *snack*. Mir-reazzjonijiet tan-nies li attendew, din l-attivita' intlaqtet tajjeb ħafna.

18. Publius Abdilla staqsa lis-SE sabiex jivverifika jekk il-multi tal-kontravenzjonijiet inbidlux. Hawn tabelli fir-raħal li jispeċifikaw il-ħlas tal-multa bil-liri maltin u kemm-il darba dan inbidel, it-tabelli jridu jiġu ikkorreġuti.

19. Is-SE semma' żewġ suġġerimenti li waslu lill-Kunsill waqt il-ħin ta' l-uffiċju. L-ewwel waħda kienet talba sabiex jsir *double line* fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Kuċċard. L-oħra kienet li Triq it-Tellerit issir *one way* għat-traffiku tiela' minn Triq il-Kuċċard. B'hekk it-traffiku ġej minn Triq il-Kuċċard jitla' minn Triq is-Summien u it-traffiku nieżel minn Triq l-iSkola jgħaddi minn Triq it-Tellerit għal Triq il-Kuċċard.

20. Publius Abdilla talab lis-SE sabiex f'waħda mill-laqgħat li jmiss, tiġi diskussa l-installazjoni tas-*solar water heaters* għar-residenti. Publius Abdilla issuġġerixxa li jintbgħatu kemm jista jkun malajr ċirkolari fid-djar tan-nies sabiex il-Kunsill jindetifika n-nies interessati għal din l-iskema.

21. **Il-Payment Approval** Sheet No. 44 ġiet approvata.

22. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 5 ta' April, 2010.

23. Il-laqgħa ntemmet fid-9.30pm.

Approvati llum 05/04/2010

Pietru Pawl Busuttil Segretarju Eżekuttiv